# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 50**

**Citaz. numru 941/93 JF**

**Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikurtrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' Michael Attard Limited, u b'nota tal-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' Michael Attard Limited assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd**

**vs**

**Joseph Apps, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited, u dawn bhala armaturi tal-vapur Pinto u Godwin Abela, ghan-nom u in rappresentanza ta' The Cargo Handling Co. Ltd**

**Il-Qorti;**

## IS-SENTENZA APPELLATA

Fl-20 ta' Mejju 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ppronunzat is-segwenti sentenza li biha cahdet it-talbiet tas-socjeta' assiguratrici attrici, ghall-kundanna tal-konvenuti, s-socjeta' Sea Malta Company Limited u s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, biex ihallsuha somma in linja ta' danni sofferti mis-socjeta' Michael Attard Limited, maghha assigurata, minhabba hsarat u nuqqasijiet f'numru ta' karozzi godda importati Malta fuq il-vapur MV Pinto.

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

Premess illi s-socjeta' Michael Attard Limited importat minn Franza tletin vettura tal-marka Peugeot li gew imbarkati mill-port ta' Marsilja fuq il-vapur Pinto, kif jirrizulta mill-polza ta' kariku Dokument 1 ;

Premess illi wara l-wasla tal-bastiment Malta meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fis-17 ta' Novembru 1992 irrizulta li kien hemm in-nuqqas u l-hsara indikata fis-Schedule tal-Information Form tas-surveyor tal-Institute of London Underwriters datat 24 ta' Dicembru 1992 (Dok. 2) u fl-invoice datata 18 ta' Novembru 1992 u mmarkata Dok. 3 ;

Premess illi ghal dan in-nuqqas u hsarat, l-assikurazzjoni attrici hallset is-somma ta' elf u hames liri u hamsin centezmu (Lm1005.50) survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici (Dok 4) ;

Pemess illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom huma responsabli ghal dan in-nuqqas u hsara ;

TALAB li ghalhekk il-konvenuti nomine jew min minnhom jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhomx :-

1. Jigu minn din il-Qorti dikjarati responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq indikati ; u

2. Jigu kundannati, jew min minnhom ihallsu lill-attur s-somma ta' elf u hames liri u hamsin centezmu (Lm1005.50) li minnhom mija u ghoxrin lira (Lm120) kienu survey fees bhala danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mid-data tal-pagament maghmul mill-istess attur nomine fic-cirkustanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps bhala rappresentant tas-socjeta' Sea Malta Company Ltd armaturi tal-vapur Pinto li biha jeccepixxi :

Eccepixxa

Illi s-socjeta' eccipjenti ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati stante li hemm espressament stipulat fil-polza tal-karigu 'vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery fittings or accessories'.

Illi skond kif jirrizulta mit-tally sheets il-karozzi gew ikkonsenjati fi stat tajba u minghajr ebda rimarki.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Godwin Abela nomine li biha jeccepixxi :

1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assiguratrici estera.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm885.00.0 lil Michael Attard Limited u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess, is-survey esebit ghandu jigi sfilzat stante li huwa maghmul 'ex parte' u kwindi mhux anness bhala prova

4. Illi di piu u fil-meritu, l-impurtatur innifsu ffirma l-gate pass out tramite rappresentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija ‘in good order and condition’ bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 ta’ Awissu 1992, fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86 – Qorti ta’ l-Appell), is-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-ammont ta’ Lm120.00.0 bhala survey fees saru proprju mis-socjeta’ attrici proprju u ma hemm ebda surriga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata 6 ta’ April, 1992, fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru 112/86).

6. Illi di piu u bla pregudizzju ghal premess l-interessi ma jiddikorrux mid-data tas-sentenza u dana skond sentenza datata 6 ta’ April 1992, fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. S. Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo, u aktar u aktar meta l-konvenuti nomine qatt qabel din il-kawza ma gew notifikati fl-ammont u bid-dettalji ta’ l-allegati hsarat u nuqqas.

7. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine li biha jeccepixxi :

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati l-konvenut Godwin Abela nomine mhux responsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1996 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala ‘units’ u tinghata biss ricevuta bhala tali ‘units’.

2. Illi ai termini ta’ l-artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala ‘units’, dan l-artikolu jezimi ovvjament lis-socjeta’ konvenuta minn kull responsabbilita.

3. Illi wkoll a bazi ta’ l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 19666 l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen ‘in

the open and always at the sole risk of the owner' u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti ;

Semghat lix-xhieda li giet prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet upprezentati mill-partijiet kontendenti ;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-assigurat tas-socjeta' attrici – Michael Attard Limited – importa lokalment tletin vettura tal-marka Peugeot tramite l-vapur MV Pinto li wasal Malta fis-16 ta' Novembru 1992. Il-vetturi gew skarikati fil-Port fl-istess jum tal-wasla tal-vapur. Il-konsenja lill-importatur sehhet l-ghada, 17 ta' Novembru 1992. S'hawn huwa pacifiku bejn il-verzjonijiet tal-kontendenti.

Fil-mument tal-hatt sar 'joint tallying' tal-vetturi kondott minn rapprezentant tas-socjeta' trasportatrici s-Sea Malta Limited u dik tal-Cargo Handling Company Limited – it-tnejn konvenuti fil-kawza. Minn dan it-tallying ma rrizultax li kien hemm x'jigi rimarkat ghajr li bhala kwantita' tabilhaqq tnizzlu tletin 'unit' – ara wkoll Dok GA1, a fol/ 66 tal-process, esebit mix-xhud Vincent Sacco, tally clerk mal-Cargo Handling Company Limited. Jigi osservat li immedjatament fuq l-entrata tal-vetturi Peugeot hemm registrat entrata ohra dwar vetturi ohrajn li mhux parti f'din il-kawza li pero' bhala rimarka hemm '1 car Badge missing'.

Issa mela sa hawn jirrizulta li minn fuq il-vapur l-vetturi tnizzlu fi stat tajjeb u fin-nuqqas ta' provi ohrajn li b'xi mod jikkonvolgu s-socjeta; Sea Malta Limited – il-Qorti ma ssib xejn li b'xi mod tara xi fondatezza fit-talba attrici in kwantu din saret ukoll kontra s-Sea Malta Limited.

L-ghada tal-importatazzjoni l-vetturi gew rilaxxjati lill-importatur. Fil-mument tar-rilaxx 'suppost' sar joint tallying u di fatti kien hemm ufficjal tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited min-naha 'l wahda u min-naha l-ohra kien hemm Noel Ellul, surveyor, u marine claims execuive ghan-nom tas-socjeta' assiguratrici kif ukoll Austin Schembri, shipping clerk tas-socjeta' importatrici. Jirrizulta mill-Gate Pass Out – ara Dok GA2, a fol. 67 tal-process – li l-oggetti gew rilaxxjati 'in good order and condition' u minghajr ebda rimarki ta' xejn.

In segwitu pero' jirrizulta li l-assigurat ghamel 'claim' in konnessjoni ma' partita items neqsin jew danneggjati bir-rizultat li intaghmlet claim ammontanti ghas-somma ta' Lm885.50. Ma' dan l-ammont – li gie accettat u saldat mis-socjeta' attrici billi hallset lill-assigurat – jew mizjudin l-ispejjez kollha relattivi ghas-survey kondott minn Noel Ellul kalkolat bir-rata ta' Lm4 kull vettura u z-zewg socjetajiet konvenuti gew interpellati biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1005.50c. Minn naha taghhom iz-zewg socjetajiet konvenuti rrispingew kull responsabbilita'. Diga nghad li in kwantu jikkoncerna s-socjeta' Sea Malta Limited, il-Qorti ma sabitx farka prova li twassal ghal in ness ta' responsabbilita'.

Issa in kwantu jikkoncerna s-socjeta' konvenuta l-ohra, The Cargo Handling Co. Limited, ghandu jinghad li gej. Il-Gate Pass Out G2 – juri b'mod inekwivoku li fil-mument tar-rilaxx ma kien hemm l-ebda hsarat jew nuqqasijiet x'jigu senjalati. Huwa veru li bil-mod kif xehdu l-iskrivani addetti mas-socjeta' konvenuta, ftit li xejn hemm x'juri li l-ezami li gie kondott minnhom sar skrupolozament anzi ex admissis kollox sar b'certa ghagla u jidher li l-accent kien l-iktar fuq accertament li gew konsenjati vetturi daqs kemm gew importati. Tali fatt pero' mhux talli kellu jnaqqas mir-responsabbilita' li kienet tinkombi fuq ix-'shipping clerk' tal-importatur u tas-'surveyor' tas-socjeta' attrici imma ghall-kuntrarju kien jaghmilha aktar rigoruza fuqhom li jikkontrollaw huma kif suppost dak li kien qieghed jigi kkonsenjatu mghoddi lilhom fil-mument tar-rilaxx. Madankollu jidher li dawn iz-zewg ufficjali ghazlu li jiffirmaw jew jaccettaw certifikat li proprju jixhed li l-vetturi nghataw lilhom f'kondizzjoni tajba. Il-fatt sorprendenti hu li Noel Ellul ighid li mis-survey kondott minnu flimkien ma' Austin Schembri (fol. 38 et seq) diga' kien irriskontra n-nuqqasijiet kollha qabel ma sar il-Gate Pass Out. Jghid –bla ma ssostanzja – li kien hemm bigenti sistema li jekk fit-tally sheet tal-hatt tal-merkanzija ma jkunx hemm rimarki (kif kien dan il-kaz) u fin-nuqqas, li d-delivery clerk tingibidlu l-attenzjoni tieghu ghal xi nuqqasijiet, kollox jigi certifikat bhala 'clean' ; kollox jinhareg bhallikieku xejn. Jekk dan kien tassew l-istat ta' fatt, xorta wahda l-Qorti ma tistax taccetta li allura l-importatur jew min ikun qed jidher ghalih jaccetta li jiffirma u jaccerta certifikat li ma jkunx juri bic-car kif inhuma l-affarijiet. Anzi, fil-kaz in ezami d-dokumenti juru l-maqlub, jigifieri li kollox twassal ghand l-importatur fi stat tajjeb. L-importatur kien fi grad li jikkontrolla l-affarijiet qabel ma ircevihom. Ghalhekk meta huwa accetta li jehodhom kif iccertifikahom huwa stess m'ghandux ghalfejn jilmenta wara li l-fatti kienu xort'ohra. Huwa minnu li l-ispezzjonijiet saru b'certa leggerezza. Huwa minnu wkoll li l-forza probatorja tal-Gate Pass Out hija wahda juris tantum u mhux wahda assoluta, izda sahha ghandha u aktar u aktar meta din giet kontrofirmata mill-

importatur. Rinfaccjat b'dan l-abili difensur tal-attur nomine ssottometta hekk (ara para. 13, fol 76 tal-process).

> "Frankament l-esponent difficilment japprezza kif Austin Schembri u Noel Ellul flimkien koxjenti tal-hsarat u nuqqas li sabu f'sittax-il vettura jaqbdu u jiffirmaw a clea gate pass out jewkk mhux ghax kostretti u bla ma jkunu attiraw l-attenzjoni tad-delivery clerk tal-Cargo Handling ghalihom ………."

Jekk dawn naqsu mid-doveri taghhom, il-htija hija kollha taghhom u jridu jbatu l-konsegwenza ta' ghemilhom. L-allegazzjoni l-ohra li huma ghamlu hekk "ghax kostretti" –fin-nuqqas ta' provi, tibqa' asserzjoni ghal kollox gratwita.

Kien hemm tabilhaqq kazi fejn din il-Qorti, anke kif presjeduta, irrovexxjat dak li kien juri l-Gate Pass Out. Dan izda sar meta kien jirrizulta b'mod inekwivoku li l-fatti kienu juru l-maqlib. Hawnhekk invece tezisti sitwazzjoni fejn l-attur nomine qieghed fl-istess waqt li rapprezentanti tieghu jiccertifikaw li l-oggetti twasslu fi stat tajjeb, dawn l-istess individwi qeghdin jasserixxu bil-kontra fuq pretest li gew kostretti li jaghmlu hekk –bla ma gabu prova konkreta. Illi ghalhekk il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz, l-attur nomine gab il-provi li jekk tabilhaqq kien hemm hsarat jew nuqqasijiet, dawn ezistew qabel ma sar ir-rilaxx u mhux f'xi stadju iehor.

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi tirrespingi t-talbiet kollha attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur nomine."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Din il-Qorti ezaminat l-aggravju tas-socjeta' assiguratrici attrici fid-dawl tar-rizultanzi kollha processwali, u wkoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fuq ir-risposta tas-socjetajiet konvenuti appellati ghar-rikors tal-appell, primarjament dik tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.

Din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-appell kien sostnut u kellu jigi milqugh. Dana principalment minhabba l-gjurisprudenza konsistenti f'dawn l-ahhar snin ta' din il-Qorti u Qrati ohra li fihom gie stabbilit bla ebda ombra ta' dubju illi l-proceduri tal-port ghar-rilaxx tal-merkanzija f'certu zmien istoriku ben definit kienet tali illi kienet timponi fuq l-importatur illi, biex jizdogana l-merkanzija mill-Port u johodha minn taht idejn is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, kien jehtieglu jaccetta r-rilaxx ta' "clean gate pass out", nonostante li gew verifikati nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija. Dan hu proprju wiehed minn dawk il-kazijiet li sehhew dak iz-zmien u l-provi adegwetement juru bla ebda dubju c-cirkustanzi li fihom is-socjeta' assigurata mad-ditta attrici kienet obbligata u kostretta li tirtira l-vetturi.

Din il-Qorti zzid tghid li tant is-sistema inikwa kienet istituzzjonalizzata dak iz-zmien illi l-importaturi bdew kollha jagixxu bl-istess mod, konsepevoli tar-riskju li kienu qed jiehdu li s-surveys minnhom maghmula meta l-merkanzija kienet ghadha fil-pussess u taht il-kontroll tal-Cargo Handling, jigu gravament pregudikati. Dan sal-punt illi jitilfu wkoll is-sahha taghhom fi proceduri gjudizzjarji, kif effettivament gara fil-kaz taht ezami. Din il-Qorti jidhrilha pero' illi, biex tkun konsistenti maghha nnifisha u mal-gjurisprudenza in materja, kellha tapplika kriterjui uniformi li gew applikati numru kbir ta' kawzi fejn kienu jokkorru l-istess cirkustanzi u fejn seta' jigi accertat mill-provi illi l-"clean pass out" ma kienx hlief dokument li ma jirrispekkjax il-verita' tal-fatti u li kien

gie accettat biex l-importatur jevita pregudizzju ferm akbar. Dan ghaliex hu ormai ben stabbilit illi s-sanzjoni ghar-rifjut li jaccetta bhala korrett dan id-dokument portwali falz kien li l-importatur jispicca bil-merkanzija mizmuma fil-Port ghal zmien twil u indefinit bir-riskju ovvju li l-hsara li tkun diga' giet iskontata tkompli tikber jekk mhux timmultiplika.

Din il-Qorti tifhem illi s-sentenza appellata nghatat fiz-zmien meta l-attegjament tal-Qrati tendenti biex jirratrefikaw is-sitwazzjoni ingusta ta' din ix-xorta kienet ghadha ma gietx ghal kollox kristalizzata. Illum mhux biss giet stabbilita l-interpretazzjoni gusta li kellha tinghata ghall-provi prodotti meta dawn ikunu jikkonformaw mal-kriterji li, fil-fehma tal-Qrati, kienu jinficjaw l-validita' tal-"gate pass out", imma hu wkoll stabbilit illi dak il-perjodu sfortunat ta' kif kienu kondotti l-attivitajiet portwali taht ezami dak iz-zmien hu llum felicement sorpassat.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet bazici din il-Qorti allura jidhrilha li mhux il-kaz illi tinoltra ruhha f'dibattitu la tal-eccezzjonijiet diversi moghtija quddiem l-ewwel Qorti mis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited - dan ghaliex fil-parti kbira taghhom gew adnawsja ezorjentement trattati u decizi negattivament ghal din id-decizjoni konvenuta - imma lanqas hemm lok illi tikkonsidra ulterjorment is-sottomissjonijiet ta' din is-socjeta' fir-risposta taghha ghall-aggravju tal-appellant nomine.

Din il-Qorti sejra tistrieh ghal dak li diga' ikkunsidrat f'kawzi ohra ta' din ix-xorta u qeghda hawn taghmel pjena riferenza ghal dawk il-konsiderazzjonijiet bla ma thoss il-htiega li tirriproducihom f'dan l-istadju jew li tiddentifika bi precizjoni sentenzi gwida in materja. Dan ghaliex in-numru ta' dawn huwa notevoli u l-motivazzjoni taghhom ben nota. Applikata din il-gjurisprudenza ghal-kaz taht ezami, din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni illi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Hi sodisfatta illi d-danni reklamati mis-socjeta' assiguratrici attrici kienu riskontrati mis-surveyor taghha u mir-rapprezentant tal-importatur waqt is-survey kondott meta l-vetturi kienu ghadhom taht il-kontroll eskluziv tas-socjeta' appellanti. Hi wkoll sodisfatta, ghaliex hekk hu indikat mill-provi, illi tali hsarat ma kienux jezistu fil-mument meta l-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur.

Is-sentenza appellata in fatti tezonera ghal kollox is-socjeta' konvenuta l-ohra, s-Sea Malta Company Limited, minn kull responsabbilita' ghaliex kienet sodisfatta illi l-"joint tally sheet" li ma kien fih l-ebda rimarka negattiva dwar il-kundizzjoni tal-vetturi kien wiehed attendibbili. Ix-xhieda mbaghad ta' Austin Schembri u Noel Ellul, rapprezentant tas-socjeta' importatrici, assigurata mad-ditta assiguratrici attrici, u s-surveyor tal-istess socjeta' li ma giet bl-ebda mod kontrastata mill-provi prodotti tas-socjeta' The Malta Cargo Handling Company Limited, hi ghal kollox kredibbili. Hi xhieda li mhux biss taghti bi precizjoni d-danni konsistenti fi hsarat u nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi importati, bhala

konsegwenza tal-accertament attent taghhom, imma wkoll titfa' dawl preciz fuq il-procedura allura segwita fir-rilaxx tal-gate pass out. Ix-xhieda tal-ufficjali tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited issegwi dik tipika ta' deposizzjonijiet taghhom f'hafna kawzi ohra tal-istess generu. Xhieda generika bazata principalment fuq disinteress assolut fir-rigward tal-kundizzjoni tal-vetturi, tant li spiss jirrizulta li ufficjali ta' din is-socjeta' lanqas biss kienu jattendu ghall-verifika tal-kondizzjoni tal-merkanzija u kienet tkun interessati biss li tigi assigurata l-firma tal-"gate pass out clean" meta jkun diga' gie accertat, anki minn surveyor indipendenti, li tali merkanzija kienet giet danneggjata.

Din il-Qorti hi sodisfatta li anki fil-kaz prezenti, bhal ohrajn qablu, l-importatur u d-ditta assiguratrici attakkaw b'success, bi prova kuntrarja, l-validita' tal-"gate pass out", dokument portwali li hu biss prova tal-kontenut tieghu, sakemm u jekk ma jigix skreditat bi prova kuntrarja valida. Il-presunzjoni tal-korrettezza tieghu hi biss iuris tantum u l-gjurispurdenza kostanti f'dan ir-rigward hi illi l-principju "contra scriptum nonest argumentum" japplika biss u sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju. Prova li f'dan il-kaz, din il-Qorti, hi sodisfatta li l-appellant nomine ghamel.

L-appell jimmerita allura li jigi sostnut. Hu kwazi superfluwu li jinghad illi s-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited ma kellha xejn x'tirrispondi ghall-aggravju tas-socjeta' appellanti. Dan anki ghaliex fil-konfront taghha jidher illi sentenza appellata diga' ghaddiet in gudikat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi riformata fis-sens li qed tigi konfermata in kwantu sa fejn laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta irrespingiet it-talbiet kolla attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Apps nomine u qed tigi rivokata u in kwantu rrespingiet it-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez gjudizzjarji kontra l-attur nomine, fil-konfront tas-socjeta' "The Cargo Handling Co. Ltd."

Konsegwenement qeghda tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti kontra s-socjeta' appellata The Cargo Handling Company Limited. Tiddikjaraha unikament responsabbli ghan-nuqqas tu hsara reklamati fl-att tac-citazzjoni. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont reklamat fit-tieni talba attrici ta' Lm 1005.50c, in linja ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-istess attur nomine. Kellhom jiddekorru l-imghax fuq dan l-ammont mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez kollha kellhom jithallsu mill-istess socjeta' sokkombenti.

Dep/Reg

mg